# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tlieta u tmenin (83) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Ottubru, 2011, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Is-Sindku Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-segretarju eżekuttiv kien bagħat il-minuti tas-seduta preċedenti diversi ġranet ilu lill-kunsillieri biex ikollhom ċans jaqrawhom u jipproponu l-emendi, kif fil-fatt saru u dawn kienu approvati u ffirmati.

Punti mill-Minuti:

3. Is-sindku ġab għall-attenzjoni tal-KLM il-korrispondenza tal-*MEPA* fejn dawn qed jagħtu sal-21 ta' Ottubru, 2011 sabiex nibagħtu l-kummenti tagħna għall-eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika li qed isir biex ikun hemm klassifikazzjoni tat-toroq tal-*Urban Conservation Area.*

4. Is-sindku qal li qed ikompli x-xogħol ta' kisi ta' toroq bit-*tarmac* billi qed titbaxxa Triq il-Fjuri. Infatti il-bieraħ tqaxxar sqaq numru wieħed fi Triq il-Fjuri u l-kuntrattur beda minn fejn hu antiċipat li ma jkunx hemm wisq problemi. Infatti kien hemm diffikultà fi Sqaq il-Blanzuni għaliex il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għall-ewwel qalulna li m'hemmx għalfejn jinbidel il-mejn tal-ilma u issa kien konfermat b'*pilot hole* illi dan hemm bżonn li jinbidel.

5. Dwar il-kumpanija *Alberta*, is-segretarju eżekuttiv qal li dawn huma mistennija jagħtuna stima għall-*PABX* ukoll mal-*ICT* u l-*Electrical Office Changeover* kif indikalna l-Inġinier Albert Ellul.

6. Is-sindku semma l-laqgħa li kellna dal-għodu stess mad-Direttur għall-Gvern Lokali dwar id-deċiżjoni li hija mistennija li tittieħed minn dan id-dipartiment dwar kif il-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u dak ta' Ħal Safi se jipproċedu bl-appell tal-offerta tal-ġbir tal-iskart li kienet ħarġet sena ilu li baqa' ma nstemgħax. Id-direttur xtaq il-komunikazzjoni li kellna minn għand l-ewwel bord, it-tieni bord u l-opinjoni tal-avukata tagħna bil-miktub. Hu qal li l-Ministeru tal-Finanzi wkoll ikun irid jara għala wasalna għal din id-deċizjoni li għandha tittieħed.

Aġenda:

7. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iddiskuta l-andament ta' Jum l-Imqabba 2011. Dwar Ġieh l-Imqabba ntqal li l-preżentazzjoni tal-programm permezz tat-tfal minkejja li kienet xi ftit jew wisq ta' *challenge* għall-organizzaturi, kienet milqugħa ħafna mill-attendenza numeruża li kellna. Kien hemm kliem ta' tifħir għall-mużiċisti kollha li taw sehmhom senza interessi, fosthom bosta żgħażagħ mir-raħal, minkejja li s-Soċjetà Santa Marija titħallas talli tkun tat is-servizz. Grace Marie Mallia qalet illi hija irċeviet l-inviti tard minkejja li kienet taf li kienu ilhom lesti minn jiem qabel, għaliex rathom fl-uffiċċju. Is-segretarju eżekuttiv qal li dawn kienu qed jistennew illi titwaħħlilhom il-bolla għaliex inzerta li ma kienx għad fadal, peress li żdied il-pustaġġ b'1ċ u kellna nixtru bolol addizzjonali.

8. Dwar l-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, is-sindku kellu kliem ta' apprezzament għall-*feedback* verbali li kellu mill-Każin ta' Santa Marija u saħansitra minn persuna li bagħtitlu *e-mail* b'xi ritratti li hija soċju tal-Każin tal-Madonna tal-Ġilju, fejn din iddeskriviet l-attività tal-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru, bħala l-aħjar edizzjoni s'issa. Paul Spiteri qal li anke l-attrazzjoni tat-tfal *(Sumo Wrestling*) kienet waħda tajba u għadna rridu nġibu d-*donation boxes* mill-Kappella ta' Santa Katerina fejn l-introjtu kollu se jmur għall-*Community Chest Fund.* Dwar it-tagħmir li nkera mill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura, jiġifieri l-*kiosks* tal-injam, intqal illi mill-Pjazza tal-Knisja nsterqu żewġ xkafef tal-istess kabbani flimkien mal-wiċċ ta' waħda minnhom. Dwar it-trenn (*trackless*), intqal li kien hemm min rikeb aktar minn darba għaliex il-prezz kien baxx u jidher li s-sidien tagħha kienu mpenjati ħafna, daqs kemm kienu l-istess kuċċiera tal-karozzini li kienu telgħin u niżlin għal fuq il-Mentna, mill-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm proposta sabiex is-sena d-dieħla ssir wirja fil-*foyer* tal-Iskola flok fl-Isptar il-Qadim fejn din is-sena kien hemm wirja tal-pappagalli minkejja li din ukoll qajmet interess minn bosta dilettanti tal-għasafar. Dwar is-*security guards,* jidher li dawn ġew tard u għalhekk damu ma fetħu l-kappelli ta' Santa Katerina u dik ta' San Bażilju, filwaqt li l-wirja tal-karozzi tal-linja li kienet fil-Każin tal-PN kienet milqugħa tajjeb daqs kemm kienet il-banda ffurmata miż-żewġ soċjetajiet kif ukoll il-logħob tal-ballun fil-każin tal-futbol li attendew għalih mal-200 dilettant sportiv ieħor (it-*tokens* tagħhom se jingħataw aktar tard matul din is-sena). Se tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lil lista ta' persuni li taw minn qalbhom u senza interessi ħafna għajnuna lill-KLM biex seta' għal darb'oħra jtella' serata intressanti anke bil-kant u d-daqq minn talent Imqabbi bħal din.

9. Dwar il-Quddiesa ta' Ringrazzjament, kien hemm ukoll attendenza tajba u din kienet ukoll organizzata tajjeb bil-ħidma tal-Parroċċa tal-Imqabba.

10. Dwar l-*awarding* tal-offerta ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-segretarju eżekuttiv għadda d-dokumentazzjoni li kellhom nieqsa bir-ritratti tas-*samples* nieqsin b'kollox ta' *Schembri Barbros* lill-Perit Bezzina permezz ta' tliet *e-mails* separati li wkoll kienu kkupjati lill-kunsillieri. Hekk kif dan jinfurmana li huwa sodisfatt minn din is-sottomissjoni addizzjonali mitluba wara li nfetħu l-offerti, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex jagħti l-offerta lil din il-kumpanija li tħalliet weħidha toffri s-servizzi tagħha biex jitwettaq dan il-proġett ta' Miżura 313 tal-Unjoni Ewropeja fl-Imqabba.

11. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ikkunsidra proposta li kienet mgħoddija lill-*MEPA* minn ċertu Bernard Briffa sabiex ikun hemm *upgrading /embellishment* tal-Ġnien tal-Ġibjun. Fil-fatt irċevejna ittra minn għand il-Perit tas-Sur Briffa, ċertu Arch Ian Cutajar biex jinfurmana illi applika mal-*MEPA* biex isir dan it-tisbiħ. Il-KLM se jitlob lil dan il-perit sabiex jingħatawlna aktar dettalji għal dan l-iżvilupp, ħalli nkunu nafu f'hiex jikkonsisti.

12. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 423.

13. Kienet mitluba il-lista tal-ilmenti lis-segretarju eżekuttiv mill-Kunsillier Grace Marie Mallia li wiegħed li se jtellagħha mis-sistema fil-ġranet li ġejjin.

14. Paul Spiteri ilmenta mis-servizz tal-kumpanija *Arriva*, fejn kien allegat illi l-linja 250 qed timmissja spiss. Hu ressaq ilment ieħor li dawn qed jgħaddu jsuqu bi *speed* eċċessiv fil-qalba tar-raħal tagħna f'toroq residenzjali u qed ikunu ta' periklu. Għall-kumment ta' Grace Marie Mallia qalet illi ma kull vettura tat-trasport pubbliku bin-numru 72 li qed jitilqu mill-Belt, numru ħafna akbar fuq ir-rotta bin-numru 71 qed jitilqu għal għonq it-triq. Is-sindku qal illi din hija raġunata għaliex fiż-Żurrieq hemm ħafna aktar residenti mill-Imqabba. Madankollu hu qal illi l-istqarrija li ħareġ il-KLM kellha ħafna effetti tajbin minkejja li l-problema tagħna hija dik li d-diretta għall-Belt Valletta ma tgħaddix mill-Pjazza tal-Knisja.

15. Dwar it-tieni stima biex jinqalgħu tliet siġriet mill-*by-pass* tal-Imqabba (triq arterja) mill-*Environment Landscapes Consortium*, il-KLM baqa' mistgħaġeb billi l-ewwel waħda kienet tammonta għal €400 filwaqt li imbgħad tawna oħra (mingħajr lanqas biss tlabnihom / jew kellimnihom ta' €1,770. Il-KLM qed jitlob spjegazzjoni għaliex ġara kif fil-fatt ġara.

16. Intbagħtet l-ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Michel Farrugia tad-donazzjoni sabiħa ta' kotba li ta lil-librerija lokali filwaqt li dawn qed jiġu mdaħħla f'*data base* sabiex ikunu katalogati mill-librara f'Belt-is-Sebħ qabel ma jsibu ruħhom fuq l-ixkafef fl-Imqabba.

17. Nicholas Briffa qal illi filwaqt li r-*reinstatement* fuq kanal tal-*Go plc* li sar dan l-aħħar kellu jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid għas-sodisfazzjon tar-residenti ta' dawk l-inħawi, il-kaptelli li qed jgħattu diversi fili fuq l-istess kanal m'humiex impoġġija sew. Huwa alluda wkoll għal inċident li seħħ dan l-aħħar fejn siġra tal-ewkaliptus tqaċċtet bir-riħ u din ġibdet *wire* bil-konsegwenza illi dan ġibed ukoll arblu miegħu. Peress li dan kien fih il-kurrent elettriku, għal ftit ma seħħetx traġedja. Għaldaqstant hu ppreżenta diversi ritratti lis-segretarju eżekuttiv sabiex dan jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex dan il-*wire* li qed jaqsam fetħa kbira propju minn fuq ġnien pubbliku, jiġi mgħoddi minn taħt wiċċ it-triq sabiex innaqqsu l-inċidenza ta' problemi simili fil-futur.

18. Is-sindku awtorizza lis-segretarju eżekuttiv sabiex jipprepara d-*draft* tal-applikazzjoni biex tiġi ppreżentata għall-proġetti speċjali. Hawn il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jippreżenta pjan sabiex jinbidlu l-lampi minn dawk inkandexxenti għal oħrajn *LEDs* u jingħataw kemm lill-każini tal-banda sabiex ixebilku l-festuni tagħhom fil-festa u jnaqqsu l-konsum tal-elettriku kif ukoll sabiex jingħataw lampi lil kull Familja Mqabbija.

19. Dwar il-familja li kienet imsemmija propju fil-minuti preċedenti li naħsbu li hija ħaqqa tiġi nominata għal Premju tal-Volontarjat, intqal li din minkejja li kienet għal btala f'Malta dan is-sajf reġgħet telgħet Ċipru tgħin fil-volontarjat minkejja li għaddiet ukoll minn trawma għaliex ir-raġel (l-uniku *breadwinner* ta' familja numeruża) inzerta kien impjegat f'fabbrika biswit il-*powerstation* li kienet affettwata minn diżastru fix-xhur li għaddew.

20. Is-sindku qal illi ċempillu s-segretarju eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn dan qallu li wara dak li ġara aktar kmieni din is-sena, hu kien qed jistieden illi l-impjegata Mersia Mackay titla' Venezia fuq skambju. Il-KLM ma kellu l-ebda oġġezzjoni u fil-fatt approvalha il-passaġġ tal-ajru biex hija ssiefer mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

21. Nicholas Briffa ikkummenta fuq id-deduzzjoni mill-allokazzjoni ta' €2,000 minħabba li kienu ppreżentati tard l-*accounts* u l-*Audited Financial Statements* ye 2010. Is-segretarju eżekuttiv qal li dan is-suġġett kien ukoll diskuss dal-għodu fl-uffiċċju tad-Direttur għall-Gvern Lokali għaliex fil-verità dawn mhux verament kienu ppreżentati tard, iżda ma kienux aċċettati mill-kumpanija tal-uditjar *Grant Thornton*. Infatti dawn saru minn tal-inqas tliet darbiet u kull darba li mmorru bihom qatt ma tawna *acknowledgement* biex wara jkunu jistgħu jgħidu li ma ssodisfawx *EFRSs* minħabba xi fettuqa.

22. Kien hemm kummenti wkoll fuq ir-*resurfacing* ta' Triq il-Mitħna fejn żammet xorta għadira tal-ilma tax-xita fin-nofs. Hawn is-sindku qal li din impossibbli titneħħa fil-pożizzjoni li qiegħda. Hu qal illi biex titneħħa din l-għadira jkun hemm bżonn terġa' tinqala parti kbira mit-triq.

23. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u dik li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*26/10/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |